kien hekk, x'aktarx li konna nsibu nota fuq hekk fix-xogħol **Dun Karm — Hajtu u Hidmietu** ta' Ġuże' Cardona. Li ġara hu, disgħa u disgħin fil-mija, li wara li Dun Karm qara l-poeżiji tal-Pasco'i, tħajjar li hu wkoll jikteb fuq l-istess suġġett. Hekk jidher li għamel ukoll wara li qara l-poeżiji "Il Viatico" u "Non Omnis Moriar" ta' l-istess poeta Taljan. Imma ġara li Dun Karm ma setax jittratta bl-istess mod kif għamel il-Pascoli lin-nissieġa żagħżugħa.

"In-Nissieġa" ta' Dun Karm fiha żewġ taqsimiet ewlenin: l-ewwel taqsima, li fiha l-ewwel ħames strofi, hi l-parti deskrittiva; it-tieni taqsima, li fiha seba' strofi, hi l-parti riflessiva. Taqsimiet bħal dawn huma tipiċi għal Dun Karm.

Id-dinja kienet għadha kobba d'am. Imma n-nissieġa żagħżugħa kienet ġa ħalliet friexha u xegħlet il-musbieħ li mit-tieqa mbexxqa xeħet sing abjad ta' dawl fuq il-ħajt faċċata tagħha. Hekk,

Fuq in-newl titla' qalbenija: tqiegħed
Mingħajr ma tħares, iż-żerkuna u fuqha
Kemm xejn tintelaq; is-salib imqaddes
Trodd u tithejja.

Hawnhekk "tibda t-twerżiqa minn tar-rfies". Fil-waqt li f'Pascoli hemm is-sikta, f'Dun Karm insibu l-ħsejjes. F'ta' l-ewwel hemm l-istħajjil; f'tat-tieni hemm ir-realtà. Minn barra t-twerżiqa tal-irfies, f'Dun Karm insibu wkoll il-ħoss tlikk tlikk li jagħmel il-moxt meta n-nissieġa tiġbdu darbtejn. Dan hu dak li teknikament ngħidu li n-nissieġa 'tħabbat'.

Fil-parti riflessiva, Dun Karm jagħmel emfasi fuq l-għaqal, is-safa, il-bżulija u s-saħħa tax-xebba nissieġa. Jagħmel ukoll kuntrast max-xebba ta' l-ibliet li toqgħod sa nofs il-lejl tiżfen mad-daqq. Jidher li fis-subkonxju ta' Dun Karm kien hemm averżjoni għax-xebbiet ta' l-ibliet. Ara l-kuntrasti li jagħtina:

Il-qawwa ta' dirgħajk aħjar mill-bjuda;
Is-saħħa ta' riġlejk aħjar minn ġmielhom;
Qalb safja l-hena minn tal-ħajja: ħrafa
Ġid u foħrija.

Sa ma Dun Karm wasal fil-għaxar strofa, hu jgħid lix-xebba li beda jbexbex u beda t-tgeġwiġ u l-għana ta' l-għasafar. Għalhekk iridha titfi l-musbieħ u tagħmel il-ħila, għaliex issa li x-xemx tiela', id-dinja kol'ha tqum taħdem magħha. Il-għażżien biss jagħmel eċ-



ċezzjoni: hu jmur jorqod mifluġ, u minfluġ jerġa' jqum!

Dun Karm, fl-aħħar żewġt ivrus, idaħħal l-element reliġjuż u jgħid lin-nissieġa:

Omm Alla, ftakar, f'din id-dinja kienet.
Haddiema bħalek.

# Rifless

Waħdi fis-skiet, taħt star iswed ikewweb,
għal għonq it-triq, sabiex intaffi s-sħana,
smajt ħsiebi jistaqsini: x'inhi l-ħajja,
għaliex qed ngħix, x'inhi d-dinja tagħna.

Waqqaft mixjieti, tqila u għażżiena,
flejt lil kull ġar, għarbilt li qrajt fi ktieb,
u wara pawsa twila u ħosbiena,
ħassejt li stajt inwieġeb l-ewwel ħsieb.

Id-dinja m'hix għajr palk miżgħud b'atturi
wiċċhom midluk b'irtokk ta' kull kulur,
kulħadd jaħdem għalih il-parti tiegħu,
sa jgħib minn ħarst l-għajnejn, għax kellu jmur

Hemm ftit qed jaħdmu l-parti tas-sinjuri,
il-kotra b'wiċċ imqit, b'geddum il-buri,
jidhru uħud b'seringa kollha dmija
u żgħażugħ vittma fl-art, f'anestesija.

Miżerji, gwerer, ġuħ, ulied iltiema,
suppervja, egoiżmu ssib kemm trid,
rebgħa, żina u semm, sultan kull vizzju,
tixwix, tnassis, żekżik...imħabba ftit.

25.7.74. **CHARLES MIFSUD.**